IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022/2022 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | I |
| DATA/DATE: | 14 ta' Mejju 2022/14th May 2022 |
| ĦIN/TIME: | mid-9:00 a.m. sal-11:05 a.m./9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

Din il-karta għandha 40% tal-marki kollha tal-eżami.
Sezzjoni A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet **KOLLHA.** Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 50 marka.
*This paper carries 40% of the global marks of the exam.*
*Section A: Answer* ***ALL*** *the following questions. You can answer* ***EITHER*** *in Maltese* ***OR*** *in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 50 marks.*

1. Il-bniedem jagħmel bosta mistoqsijiet u t-tweġiba għal xi wħud minnhom isibha biss fir-reliġjon. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' dawn il-mistoqsijiet. (2)
   *The human person asks many questions and only finds the answer to some of them in religion. Mention* ***TWO*** *of these questions.* *(2)*

i. ____________________

ii. ____________________

2. Semmi prattika **WAĦDA** fir-reliġjon: (2)
   *Mention* ***ONE*** *religious practice in:* *(2)*

   (a) Buddista: ____________________

   *Buddhism:* ____________________

   (b) Iżlamika: ____________________

   *Islam:* ____________________

3. Il-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex l-Insara jemmnu dan. (2)
   *The Bible is the Word of God. Give* ***TWO*** *reasons why Christians believe this.* *(2)*

i. ____________________

ii. ____________________

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

4. Semmi **ŻEWĠ** kotba li jiffurmaw parti mit-Testment il-Qadim. (2)
*Mention **TWO** books in the Old Testament.* *(2)*

i. ______

ii. ______

5. X'inkunu qed nifhmu meta ngħidu li fil-Bibbja għandna nfittxu biss il-verità reliġjuża u mhux il-verità xjentifika? (2)
*What do we mean when we say that we should only seek religious truth and not scientific truth in the Bible?* *(2)*

______

______

6. Għaliex fid-dinja daħlu l-mibegħda, il-ġlied u ħażen ieħor? (2)
*What brought about hatred, strife and other evils in our world?* *(2)*

______

______

7. Fil-ktieb tal-Eżodu naqraw li Alla wettaq diversi għeġubijiet li wasslu għall-ħelsien tal-Poplu Lhudi mill-jasar fl-Egittu. X'kien hemm straordinarju f'dawn l-għeġubijiet? (2)
In the book of Exodus we read how God performed various wonders that led to the liberation of the Jewish people from slavery in Egypt. What was special about these wonders? *(2)*

______

______

8. Mill-Patt ta' fuq is-Sinaj, xi stil ta' ħajja Alla jistenna mingħandna? Semmi **ŻEWĠ** atteġġjamenti. (2)
*With reference to the Sinai Covenant, what kind of life does God expect from us? Mention **TWO** attitudes.* *(2)*

i. ______

ii. ______

9. Semmi l-**ERBA'** dokumenti Nsara li jirrakkontaw il-ħajja u l-ħidma ta' Ġesù fid-dinja. (2)
*Name the **FOUR** Christian Documents which narrate Jesus' life and work on earth. (2)*

i. ____________________

ii. ____________________

iii. ____________________

iv. ____________________

10. Agħti **ŻEWĠ** eżempji biex turi li Ġesù wera rispett lejn id-dinjità ta' kull bniedem. (2)
*Give **TWO** examples to show how Jesus respected the dignity of every human person. (2)*

i. ____________________

ii. ____________________

11. "Dan hu Ibni l-għażiż li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu!" (Mt. 17, 5) Għaliex għandna nisimgħu minn Ġesù? (2)
*"This is my Son, the Beloved; he enjoys my favour. Listen to him!" (Mt. 17, 5) Why should we listen to Jesus? (2)*

____________________

____________________

12. Il-Poplu ta' Alla, fil-Patt il-Qadim, kien il-Poplu Lhudi mibni fuq it-tnax-il tribù ta' Iżrael. (i) Fit-Testment il-Ġdid, min hu l-poplu l-Ġdid ta' Alla, u (ii) min bdieh? (2)
*In the Old Testament, the People of God were the Jewish people descended from the twelve tribes of Israel.*
*(i) In the New Testament, who are the People of God, and (ii) who founded them? (2)*

i. ____________________

ii. ____________________

13. Għaliex ma jagħmilx sens li n-Nisrani jgħid, "Kristu iva, imma l-Knisja le"? (2)
*Why does it not make sense for a Christian to say, "Yes to Jesus, but no to the Church"? (2)*

____________________

____________________

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

14. Għaliex is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jġib il-ferħ? (2)
*Why does the Sacrament of Reconciliation bring joy? (2)*

________________________________________

________________________________________

15. Skont it-talba tal-Missierna, biex aħna nirċievu l-maħfra mingħand Alla, x'għandna nkunu lesti li nagħmlu? (2)
*According to the Our Father, what should we be willing to do to receive forgiveness from God? (2)*

________________________________________

________________________________________

16. San Ġustinu jirrakkonta kif l-Insara ta' żmienu kienu jiċċelebraw Jum il-Mulej. Semmi **ŻEWĠ** partijiet essenzjali tal-quddiesa kif kienu ċċelebrati fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. (2)
*St. Justin narrates the way in which Christians celebrated the Lord's Day. Mention* ***TWO*** *essential parts of mass as they were celebrated in the early days of the Church. (2)*

i. ________________________________________

ii.________________________________________

17. Waqt il-quddiesa, aħna nieħdu sehem minn żewġ 'imwejjed' spiritwali. Liema huma dawn l-'imwejjed'? (2)
*During Mass, we partake in two spiritual 'tables'. List the 'tables'? (2)*

i. ________________________________________

ii.________________________________________

18. Xi tfisser id-dilka biż-żejt fis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof? (2)
*What is the significance of the anointing with oil in the Sacrament of Confirmation? (2)*

________________________________________

________________________________________

19. X'ried ifisser Alla bil-kliem li qal lill-bniedem: "Nisslu u oktru u imlew l-art"? (Ġen 1, 28) (2)
*What did God mean when he addressed humanity with the words: "Be fruitful, and multiply, and replenish the earth"? (Gen 1, 28) (2)*

________________________________________

________________________________________

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

20. X'sinifikat għandu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda għan-Nisrani? (2)
*What is the significance of the Anointing of the Sick for Christians? (2)*

________________________________________

________________________________________

21. X'differenza hemm bejn ewtanasja volontarja u ewtanasja involontarja? (2)
*What is the difference between voluntary euthanasia and involuntary euthanasia? (2)*

________________________________________

________________________________________

22. Kif għandu jġib ruħu n-Nisrani mal-annimali? (2)
*How should a Christian treat animals? (2)*

________________________________________

________________________________________

23. Fl-enċiklika *Laudato Sì*, il-Papa Franġisku jispjegalna li għandna nħossuna responsabbli għad-dinja u għall-ambjent li ħalaq Alla. Semmi **ŻEWĠ** modi kif tista' tieħu ħsieb l-ambjent u d-dinja ta' madwarna. (2)
*In the encyclical Laudato Sì, Pope Francis explains that we need to be responsible for the world and the environment which God has created. Mention* ***TWO*** *ways to take care of the environment and the world around us. (2)*

i. ________________________________________

ii.________________________________________

24. Xi tfisser imħabba filija? (2)
*What does philia love mean? (2)*

________________________________________

________________________________________

25. Fisser il-kelma ċelibat fil-kuntess tal-Knisja Kattolika. (2)
*Define the term celibacy in the context of the Catholic Church. (2)*

________________________________________

________________________________________

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

Sezzjoni B: Wieġeb dawn il-**ĦAMES** mistoqsijiet billi tikteb paragrafu fuq kull waħda. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.
*Section B: From this section, answer **FIVE** questions by writing a paragraph on each one. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.*

1. Fil-ktieb tal-Ġenesi naqraw li bid-diżubbidjenza tiegħu, il-bniedem spiċċa nfired minn ma' Alla. Semmi u spjega t-**TLIET** firdiet l-oħra li ġab fuqu l-bniedem konsegwenza tad-dnub. (6)
   *In the book of Genesis we read how humanity's misconduct, led to the seperation from God. Mention and explain the **THREE** other rifts brought onto humanity as a consequence of sin. (6)*

2. Spjega għaliex il-liġi ta' Alla hija l-garanzija tal-libertà. (4)
   *Explain why God's law guarantees freedom. (4)*

3. Xi tfisser il-frażi: Ġesù, il-Ħaruf ta' Alla, ħa post il-ħaruf tal-Għid tal-Lhud? (5)
   *What is meant by the saying: Jesus, the Lamb of God, has replaced the lamb of the Jewish Passover? (5)*

4. X'inhu t-tagħlim tal-Knisja dwar l-abbuż tad-droga u l-involviment f'attivitajiet perikolużi? (5)
   *What does the Church teach on drug abuse and engaging in dangerous activities? (5)*

5. In-Nisrani, kif għandu jipprepara ruħu għas-Sagrament taż-Żwieġ? (5)
   *How should a Christian prepare for the Sacrament of Marriage? (5)*

**(Total: 25 marka)** ***(Total: 25 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

Sezzjoni Ċ: Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet **KOLLHA** li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.
*Section C: Read these texts carefully and answer **ALL** the questions that follow. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.*

**1. Naħdmu għall-kultura li tirrispetta l-ħajja**

Bi spirtu ta' għożża u solidarjetà hemm bżonn li naħdmu aktar bis-sħiħ għal kultura li tirrispetta l-ħajja u d-dinjità ta' kull bniedem. Kull ħajja umana hija prezzjuża, maħluqa xbieha ta' Alla. Hija din il-protezzjoni tal-ħajja umana mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha sat-tmiem naturali tagħha, u f'kull waqt tagħha, li hi l-pedament ta' kultura ta' rispett lejn id-drittijiet ta' kull bniedem. Dawk vulnerabbli u dgħajfa jeħtieġu aktar attenzjoni u kura. Ħadd m'hu żejjed, ħadd qatt ma għandu jiġi eliminat. *(*Meħuda minn: Ittra Pastorali mill-Isqfijiet Maltin, Randan 2021*)*

***We strive for a culture that respects life***

*In a spirit of care and solidarity we need to work harder for a culture that respects the life and dignity of every person. Every human life is precious and is created in God's image. It is this protection of human life, from the first moments of conception, throughout every moment of life, until its natural end, that forms the foundation of a culture of respect for the rights of every person. The weak and vulnerable require more attention and care. No one is useless, no one should ever be eliminated. (Taken from: Pastoral Letter from Maltese Bishops, Lent 2021)*

(a) Għaliex in-Nisrani fid-dmir li jirrispetta l-ħajja u d-dinjità ta' kull bniedem? (2)
*Why do Christians have a duty to respect the life and dignity of every human being? (2)*

________________________________________

________________________________________

(b) Agħti **TLIET** azzjonijiet li jwasslu għall-qerda tal-ħajja umana. (3)
*Give **THREE** accounts that lead to the destruction of human life. (3)*

i. ________________________________________

ii. ________________________________________

iii. ________________________________________

(c) X'għandu jagħmel in-Nisrani biex juri rispett lejn il-ħajja umana? (2)
*What should a Christian do to show respect for human life? (2)*

i. ________________________________________

ii. ________________________________________

(d) Agħti **ŻEWĠ** eżempji fejn Ġesù wera li l-ħajja u s-saħħa tal-bniedem huma rigal prezzjuż. (2)
*Give **TWO** examples where Jesus demonstrated how human life and health are a precious gift. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

(e) Il-kelma tal-Isqfijiet ikkwotata f'paġna 8, tfakkarna f'wieħed mill-kmandamenti. Semmi dan il-kmandament? (1)
*The word of the Bishops, quoted on page 8, reminds us of one of the commandments. Name this commandament? (1)*

______________________________

**(Total: 10 marki)** ***(Total: 10 marks)***

**2. Il-parabbola tal-qamħ u tas-sikrana**

"Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' ż-żerriegħa tajba fl-għalqa tiegħu. Iżda x'ħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. Meta mbagħad il-qamħ nibet u ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. Resqu l-qaddejja fuq sid il-għalqa u qalulu, 'Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?' Iżda hu qalilhom, 'Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi.' 'Tridx immorru niġbruha?' qalulu l-qaddejja. 'Le,' qalilhom, 'għax intom u tiġbru s-sikrana għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll. Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassda: 'Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta għall-ħruq, imbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi.'"*(Mt 13, 24-30)*

***The parable of the wheat and the weed***

*"The kingdom of heaven is like a man who sowed good seed in his field. But while everyone was sleeping, his enemy came and sowed weeds among the wheat, and went away. When the wheat sprouted and formed heads, then the weeds also appeared. The owner's servants came to him and said, 'Sir, didn't you sow good seed in your field? Where then did the weeds come from?' 'An enemy did this,' he replied. The servants asked him, 'Do you want us to go and pull them up?' 'No,' he answered, 'because while you are pulling the weeds, you may uproot the wheat with them. Let both grow together until the harvest. At that time I will tell the harvesters: First collect the weeds and tie them in bundles to be burned; then gather the wheat and bring it into my barn.'" (Mt 13, 24-30)*

(a) (i) Minn liema ktieb bibbliku hija meħuda din is-silta u (ii) f'liema taqsima tal-Bibbja nsibu dan il-ktieb? (2)
*(i) From which Biblical book is this passage taken, and (ii) in which section of the Bible do we find this book? (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

(b) X'inhu l-messaġġ li Ġesù ried iwassal permezz ta' din il-parabbola? (3)
*What message did Jesus want to convey through this parable? (3)*

______

______

______

(c) X'jirrapreżentaw dawn li ġejjin fil-parabbola? (3)
*What do the following represent in the parable? (3)*

i. Il-qamħ: ______

*The wheat:* ______

ii. Is-sikrana: ______

*The weeds:* ______

iii. L-għalqa ______

*The field:* ______

(d) i. Xi tfisser meta l-Insara jgħidu li l-Knisja hija qaddisa? (3)
*i. What do Christians mean when they say the Church is holy? (3)*

______

______

______

ii. X'għandhom jagħmlu dawk li jixtiequ jaqbdu it-triq tal-qdusija? (2)
*ii. What should those who want to take the path of holiness do? (2)*

______

______

(e) Semmi **ŻEWĠ** tixbihat oħra li magħhom Kristu xebbah il-Knisja tiegħu. (2)
*Mention **TWO** other analogies used by Jesus to describe his Church. (2)*

i. ______

ii. ______

**(Total: 15-il marka)** ***(Total: 15 marks)***

Blank Page

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

# Blank Page

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022/2022 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIA |
| DATA/DATE: | 14 ta' Mejju 2022/14th May 2022 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Wieġeb **TLIETA** minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija għandha 50 marka minn total ta' 150.
*This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. Answer **THREE** of these five questions in essay form. Each question carries 50 marks out of a total of 150.*

1. "Il-Kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'ċertezza, b'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa." *(DV 11)*
   - a) (i) Semmi **TLIET** ġrajjiet ewlenin li huma parti mill-Istorja tas-Salvazzjoni u li seħħew fit-Testment il-Qadim. (3)
     - (ii) Irrakonta fid-dettal ġrajja **WAĦDA** minnhom. (10)
     - (iii) X'inhu l-messaġġ reliġjuż li ried iwassal l-awtur sagru minn din il-ġrajja? (6)
   - b) Għaliex il-bnedmin li kitbu l-Bibbja huma meqjusa wkoll bħala awturi sagri? (15)
   - ċ) (i) Għaliex neħtieġu l-għajnuna tal-Knisja meta niġu biex ninterpretaw il-Bibbja? (8)
     - (ii) Bħala Nisrani, semmi **ERBA'** atteġġjamenti li bihom għandek tersaq lejn il-Bibbja? (8)

   *"The books of Scripture must be acknowledged as teaching solidly, faithfully and without error that truth which God wanted to put into sacred writings." (DV 11)*
   - *a) (i) Name **THREE** major events that form part of the History of Salvation, which took place in the Old Testament. (3)*
     - *(ii) Narrate **ONE** of the events in detail. (10)*
     - *(iii) What is the religious message that the sacred author wished to convey through this event? (6)*
   - *b) Why are the humans who wrote the Bible also considered sacred authors? (15)*
   - *c) (i) Why do we need the help of the Church when it comes to interpreting the Bible? (8)*
     - *(ii) Mention **FOUR** ways how you should approach the Bible as a Christian. (8)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2. Ġesù, lid-dixxipli qalilhom: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." *(Ġw 15, 13)*
   a) Bl-Inkarnazzjoni ta' Ġesù, Alla ġie jgħammar fostna l-bnedmin.
      (i) Spjega **TLIET** aspetti kif Ġesù wera li kien l-Iben ta' Alla fost il-bnedmin. (12)
      (ii) Semmi **TLIET** mirakli li wettaq Ġesù u rrakonta **WIEĦED** minnhom fit-tul. (13)
   b) Spjega kif Ġesù, bħala bniedem, b'dak li għamel u għallem, kien mudell ħaj ta' dak li qal lid-dixxipli tiegħu. (8)
   ċ) Meta Tumas iltaqa' ma' Ġesù wara li dan qam mill-mewt, stqarr, "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" (Ġw 20, 28)
      (i) Spjega l-impatt li l-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù ħalliet fuq l-Appostli. (8)
      (ii) In-Nisrani huwa dak li f'ħajtu għandu jimita lil Ġesù. Permezz ta' **TLIET** eżempji, uri kif dan jista' jseħħ. (9)

*Jesus told his disciples: "No one can have greater love than to lay down his life for his friends." (Jn 15, 13)*
   *a) God lived amongst us through the incarnation of Jesus.*
      *(i) Explain **THREE** aspects of how Jesus proved to be the Son of God amongst humans. (12)*
      *(ii) Mention **THREE** miracles performed by Jesus and explain **ONE** of them in detail. (13)*
   *b) Explain how Jesus, as a human being, through his actions and teaching, served as a role model for his disciples. (8)*
   *c) When Thomas met Jesus after his resurrection, he exclaimed: "My Lord and my God!" (John 20, 28)*
      *(i) Explain the impact of the resurrection of Christ on the Apostles. (8)*
      *(ii) A Christian is a person who must imitate Jesus in his life. With the help of **THREE** examples indicate how this is possible. (9)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

3. Il-qawwa tal-maħfra.
   a) Mill-ġrajja tal-laqgħa ta' Ġesù ma' Żakkew il-pubblikan, insibu messaġġ reliġjuż fuq l-indiema, il-maħfra u r-rikonċiljazzjoni. Spjega xi jfisser li l-midneb:
      (i) jindem mid-dnub li jwettaq fil-ħajja ta' kuljum; (5)
      (ii) jirċievi l-maħfra ta' Alla; (5)
      (iii) jirrikonċilja ruħu kemm ma' Alla u kemm ma' dawk li jkun naqashom. (5)
   b) (i) Għaliex is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni nirreferu għalih bħala s-Sagrament ta' Qawmien? (8)
      (ii) Għaliex dan is-sagrament huwa amministrat mill-Knisja? (7)
   ċ) Spjega xi tfisser meta fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, il-midneb irid:
      (i) jagħraf ma' min sejjer jiltaqa', x'ser jgħidlu u kif għandu jkun umli quddiemu;
      (ii) jiddispjaċih għall-imgħoddi u jwiegħed għall-futur;
      (iii) ifittex l-għaqda mill-ġdid ma' ħutu;
      (iv) ikun lest li jaħfer lil min ikun għamillu d-deni. (20)

*The power of forgiveness.*

*a) From the story of Zacchaeus the tax collector and his meeting with Jesus, we can draw a religious message on repentance, forgiveness, and reconciliation. Explain what sinners mean when they:*
*(i) repent the sins they commit in daily life; (5)*
*(ii) receive God's forgiveness; (5)*
*(iii) reconcile with both God and with those whom they failed; (5)*

*b) (i) Why do we refer to the sacrament of Reconciliation as the Sacrament of Resurrection? (8)*
*(ii) Why is this sacrament administered by the Church? (7)*

*c) Explain why sinners during the sacrament of Reconciliation must:*
*(i) know who they are going to meet, what they are going to say, and how they should be humble;*
*(ii) regret the past and promise to do better in the future,*
*(iii) seek reconciliation with the community;*
*(iv) be willing to forgive those who have harmed them. (20)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

4. Ġesù qal: "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin iħaffru u jisirqu." (Mt 6, 19)

a) (i) X'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem? (6)
(ii) X'inhu s-suċċess li jridna niksbu Ġesù u x'għandna nagħmlu biex niksbu dan is-suċċess? (7)
(iii) Għaliex Ġesù huwa l-quċċata tas-suċċess? (5)

b) Il-Knisja żejnet lil Marija Omm Ġesù b'titli li jagħmluha l-akbar u l-ogħla fost il-qaddisin kollha. Semmi u spjega l-**ERBA'** dommi li l-Knisja tat lil Marija. (16)

ċ) Semmi u spjega **ERBA'** mis-simboli użati waqt ir-ritwal tal-Magħmudija. (16)

*Jesus said: "Do not store treasures for yourselves on earth, where moth and woodworm destroy them and thieves can break in and steal." (Mt 6, 19)*

*a) (i) What did Jesus mean by this? (6)*
*(ii) What success does Jesus want us to achieve and what must we do to succeed? (7)*
*(iii) Why is Jesus the pinnacle of success? (5)*

*b) The Church has bestowed Mary, mother of Jesus, with a number of titles making her the greatest and highest of all saints. Mention and explain the **FOUR** dogmas that the Church has given to Mary. (16)*

*c) Mention and explain **FOUR** of the symbols used during the ritual of Baptism. (16)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

5. "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom imħabba bejnietkom." *(Ġw 13, 35)*
   a) Hemm tliet forom differenti ta' mħabba: Eros, Filia u Agape.
      (i) Fissirhom. (6)
      (ii) Ġesù, b'liema modi wera' mħabbtu lejn il-bnedmin? (6)
      (iii) In-Nisrani kif jista' jħobb b'imħabba Agape? (6)
   b) Ir-raġel u l-mara jistgħu jagħżlu li jintrabtu fis-Sagrament taż-Żwieġ. Semmi u spjega fid-dettal x'inhuma l-għanijiet ewlenin tal-imħabba fiż-żwieġ Nisrani. (14)
   ċ) It-tliet pilastri taż-żwieġ Nisrani huma l-indissolubbiltà, il-fedeltà u l-unità.Spjegahom. (18)

*"By this everyone will know that you are my disciples, if you love one another." (Jn 13, 35)*
   *a) There are three different types of love: Eros, Philia and Agape.*
      *(i) Explain them. (6)*
      *(ii) In what ways has Jesus shown love to humanity? (6)*
      *(iii) How can a Christian express Agape love? (6)*
   *b) A man and a woman may choose to be bound in the Sacrament of Marriage. Mention and explain in detail the main goals of love in a Christian marriage. (14)*
   *c) The three pillars of a Christian marriage are indissolubility, fidelity, and unity. Explain them. (18)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022/2022 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIB |
| DATA/DATE: | 14 ta' Mejju 2022/14th May 2022 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Wieġeb **GĦAXRA** minn dawn l-erbatax-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija għandha 15-il marka minn total ta' 150.
*This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer* ***EITHER*** *in Maltese* ***OR*** *in English. Answer* ***TEN*** *from these fourteen questions in paragraph form. Each question carries 15 marks out of a total of 150.*

1. Ikteb dwar dawk is-sitwazzjonijiet jew cirkustanzi li jistgħu jtellfu lill-bniedem milli jipprattika r-reliġjon.
   *Write about any situations or circumstances that may prevent a person from practicing religion.*

2. Semmi u spjega **TLIET** atteġġjamenti li bihom għandna nersqu lejn il-Bibbja.
   *Mention and explain* ***THREE*** *attitudes through which to approach the Bible.*

3. Fi kliemek irrakonta l-ġrajja tal-waqgħa tal-bniedem fid-dnub kif insibuha fit-tielet kapitlu tal-Ġenesi.
   *In your own words briefly narrate the story of The Fall of Man as it is found in the third chapter of the Genesis.*

4. Il-liġi ta' Alla hi bħal sinjal tat-traffiku f'salib it-toroq jew mappa f'idejn vjaġġatur. Spjega b'referenza għal **TLIETA** mill-kmandamenti.
   *God's law is like a traffic sign at a crossroad or a map in the hands of a traveller. Explain this with reference to* ***THREE*** *commandments.*

5. a) Semmi **TLIET** modi li permezz tagħhom Ġesù wera d-divinità tiegħu. (6)
   b) Spjega **WAĦDA** minnhom permezz ta' eżempju konkret mill-ħajja ta' Ġesù. (9)
   *a) Mention* ***THREE*** *ways in which Jesus demonstrated his divinity. (6)*
   *b) Explain* ***ONE*** *of them using a concrete example from Jesus' life. (9)*

6. Xi studenti ġew mogħtija proġett biex ifittxu u jirrekordjaw ħidmiet differenti fil-Knisja. Wara li tkellmu flimkien, iddeċidew li jmorru għand il-Caritas, id-Dar tal-Providenza u l-Youth Fellowship biex jintervistaw lil min jaħdem f'dawn l-organizzazzjonijiet u xi nies li ġew f'kuntatt magħhom. Baqgħu mistagħġba kemm isir xogħol li bih ħafna nies ta' kull età, imweġġgħin u imwarrbin, isibu fejqan u għajnuna mill-Knisja. U dan kollu bla ħlas. Kemm hu veru dak li ngħidu li l-Knisja hi magħmula minn ħafna membri li fihom jaħdem l-Ispirtu ta' Kristu.
   Semmi u spjega **TLIET** ħidmiet oħra li membri tal-Knisja iwettqu f'isem Kristu.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

*Some students were assigned a project to research and keep a record of the different tasks performed by the Church. After discussing it together, they decided to visit Caritas, id-Dar tal-Providenza and the Youth Fellowship to interview the people who work in these organisations and others who came in contact with them. They were amazed by the work done by the Church to bring comfort to people who are hurt and neglected. It is true, the Church is made up of many members in whom the Spirit of Christ works.*
*Mention and explain **THREE** other tasks that members of the Church do in the name of Christ.*

7. Il-Knisja hi Appostolika għax Ġesù ta lill-Appostli ħafna ħidmiet u setgħat. Uħud minn dawn il-ħidmiet huma speċjali ħafna. Semmi **TLIETA** minnhom u uri kif il-Knisja għadha tħaddimhom sal-lum.
*The Church is Apostolic because Jesus gave the Apostles many tasks and abilities. Some of these tasks are very special. Mention **THREE** of them and show how the Church implements them today.*

8. Żakkew kien raġel sinjur. Xogħolu kien li jiġbor it-taxxi mingħand il-Lhud għar-Rumani. Ġieli kien jiġbor iktar milli suppost. Dan jissejjaħ serq u qerq. Spjega kif il-laqgħa tiegħu ma' Ġesù ġabet fih bidla kbira.
*Zacchaeus was a rich man. His job was to collect taxes from the Jews for the Romans. Sometimes he would collect more than he should. This is theft and cheating. Explain how his encounter with Jesus brought about a profound change.*

9. X'għandu jagħmel in-Nisrani biex iqaddes il-jum tal-Ħadd?
*What should a Christian do to observe Holy Sunday?*

10. X'effetti jħalli s-Sagrament tal-Magħmudija fuq min jirċevieh?
*What are the effects of the Sacrament of Baptism on the recipient?*

11. Kif is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof jista' jgħin lin-Nisrani jgħix fuq l-eżempju ta' Kristu?
*How can the Sacrament of Confirmation help the Christian to live by the example of Christ?*

12. Ġesù kkundanna l-liġi 'għajn b'għajn, sinna b'sinna'. Għaliex in-Nisrani ma jistax ikun favur il-piena tal-mewt?
*Jesus condemned the law, "eye for an eye, a tooth for a tooth." Why can't a Christian be in favor of the death penalty?*

13. Rodianne u Max se jkollhom tarbija. Ma kellhomx pjanijiet li jkollhom t-tfal għax bħalissa iffukati fuq l-istudji u l-karriera tagħhom. Stqarrew ma' sħabhom li qegħdin f'dilemma jżommux it-tarbija jew jagħmlux abort. Fid-dawl tat-tagħlim Nisrani dwar il-valur tal-ħajja, x'parir għandu jingħata lil din il-koppja?
*Rodianne and Max are going to have a baby. They had no plans to have children because they currently want to focus on their studies and career. They told their friends they had a dilemma on whether they should keep the baby or have an abortion. In light of the Christian teaching on the value of life, what advice should be given to this couple?*

14. Għaliex iż-żwieġ Nisrani huwa sagrament b'rabta qaddisa u mhux sempliċiment li l-koppja tgħix flimkien?
*Why is Christian marriage a sacrament with a holy bond and not simply a couple living together?*